**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 508 / 2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**(Spettur Elton Taliana)**

**-vs-**

**Simon Borg**

Illum, 1 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti **Simon Borg** detentur tal-karta ta' l-identita' 208085 (M), akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' xi jiem qabel l-14 ta' Novembru, 2017, f' dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, liema serq huwa aggravat bil-valur, ghad-dannu ta' Emanuel Mangion;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura u cioe' vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ minghajr il-kunsens tas-sid, u cioe` Emanuel Mangion;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew taht ir-responsabbilta` tieghu, vettura bil-mutur u cioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, liema vettura m' hiex registrata ma' l-Awtorita;

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, zamm vettura bil-mutur u cioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja ghac-cirkolazjoni valida, jew permess tac-cirkolazzjoni validu jew diska tal-licenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, mahruga mill-Awtorita;

5. U aktar talli fl-istess cirkostanzi kien fil-pussess ta' vettura bil-mutur u cioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, kemm jekk wieqfa jew misjuqa, minghajr ma kellha pjanci mahruga minn xi awtorita kompetenti;

6. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel uzu minn marki ta' registrazzjoni xort' ohra min dawk moghtija mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur u cioe` fuq vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ;

7. U aktar talli fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija vettura u cioe` fuq vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, minghajr polza ta' l-assigurazzjoni dwar riskju ghal terzi persuni;

U aktar talli nhar is-07 ta' Novembru, 2017, ghall-habta tas-18.30 ta' filghaxija, min gewwa Binja fi Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta f' B' Kara,

8. Ikkommetta serq (ta' diversi ghodod), liema serq hu kwalifikat bil-valur, mezz u hin ghad-dannu ta' Cedric Zammit u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

U aktar talli nhar it-03 ta' Novembru, 2017, ghall-habta 04.30 ta' filghodu, minn gewwa Ozone Properties, fi Triq il-Masgar, f' Hal Qormi,

9. Ikkommetta serq (ta' diversi ghodod), liema serq hu kwalifikat bil-valur, mezz u hin ghad-dannu ta' Carlo-Antonio Vassallo u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

10. Talli f' diversi granet u f' dawn il-Gzejjer wara li kien ikkundannat f' Malta ghal-serq, jew ghal ricettazjoni, kien fil-pussess ta' oggetti li ma kienux tal- kundizzjoni tieghu minghajr ma ta' kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu, inkella instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgasssar ta' serratui, minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu bi ksur ta' Art 287 tal-Kap.9 tal- Ligijiet ta' Malta;

11. U aktar talli fl-istess cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Francesco Depasquale LL.D., f' dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra, u cioe' li jkun fid-dar f' hinjiet specifikati kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Simon Borg u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-

imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bhala depozitu u 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. U aktar talli kkommetta reati waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar id-19 ta' Jannar, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

13. U aktar talli ikkommetta reati li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, moghtija mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar id-19 ta' Jannar, 2015.

14. Barra min dan, l-imputat Simon Borg huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi w ma jistghax jigi mibdula ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' kundanna, tiskwalifika lill imputat, milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 261(c), 267, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol.410

3. Fl-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fir-regolamenti 3, 13(2), 32(7) u 44(5)(6)(7)(a)(d) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikolu 3(1)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-artikoli 28B, 49, 50, 287, 289 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Fl-artikolu 21(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u regghet rat l-artikoli 17 (b) (h), 18, 20, 31, 49, 50, 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 270, 271 (g), 278 (1) (3), 279 (a) (b), 280 (1) (2), 281 (2), 289, 325 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni (f' dawk il-proceduri), sabet lill-imputat hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija.

A tenur tal-artikolu 3 (2A) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat gie skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar millum.

Inoltre` l-Qorti wara li rat l-artikoli 28 A, 28 B u 28 C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta ordnat illi s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat nhar 11 t' Ottubru, 2010 ta' sena (1) prigunerija, u kif estiza b' sentenza tad-19 ta' Jannar, 2015, tigi fis-

sehh stante illi r-reati li dwarhom instab hati l-akkuzat gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

B' hekk b' kollox l-imputat ghandu jiskonta l-perjodu ta' sitt (6) snin u nofs prigunerija.

Finalment a tenur tal-artikolu 412 D tal-Kodici Kriminali, poggiet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex ikompli jindirizza bis-shih l-vizzju tad-droga, anke jekk dan ikun jirrikjedi interventi minn professjonisti ohra u senjatament dawk fil-psikologija.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' dina s-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Simon Borg minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li TIKKONFERMAHA fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant hati tas-sitta (6) u tal-hdax-il (11) akkuza u lliberatu minnhom kif ukoll mill-addebittu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, THASSARHA U TIRREVOKAHA fil-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b' hekk TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u konsegwentement TILLIBERAH minnhom; u fin-nuqqas ta' dan TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellant in succint huma is-segwenti

(1) Illi, umilment jigi sottomess li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u tal-ligi applikabbli quddiemha;

(2) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellant u dan ghaliex l-piena moghtija hija wahda eccessiva;

**1. Apprezzament Zbaljat tal-Provi**

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu; filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u del resto, anke' jghalmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ' proof beyond a reasonable doubt' :

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. ' of course it is possible but not in the least probable' , the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b' mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il- Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita' .

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal- Artikolu 39 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is- segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet ' **<u>Il-Pulizija v Michele Borg et'</u>** (deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d' ordine pubblico; ' the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzati ma jridu jipprovaw xejn dwar l-innocenza taghhom - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghhom. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal- imputati, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi ai rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u cioe dik ta' serq tal-vettura a detriment ta' Emanuel Mangion u talli saq l-istess vettura minghajr kunsens tas-sid, jibda biex jinghad illi l-istess Mangion xehed darbtejn quddiem l-Ewwel Qorti, darba fl-20 ta' Marzu 2019 u darba ohra fid-19 ta' Frar 2020. Illi tajjeb jigi ccarat illi fit-traskrizzjoni illi saret dakinhar tal-20 ta' Marzu 2019 minkejja li jidher li kien qieghed jixhed Emanuel Mangion, hemm referenza ukoll ghal certu Ruth Borda li kienet ukoll xhud fil-kaz odjern izda fuq materja kompletament differenti. Ghaldaqstant u dan qieghed jinghad il-ghaliex l-awla hija wahda tal-provi, jidher li dan l-izball fl-atti processwali lanqas gie mqajjem jew rilevat mill-Ewwel Qorti minkejja liz-zewg xhieda kienu jittrattaw fuq materji totalment differenti!

Illi punt krucjali iehor huwa l-fatt illi l-Qorti ma tatx importanza l-fatt illi l-istess Emanuel Mangion lanqas biss ried jixhed kif hemm verbalizzat fl-20 ta' Marzu 2019 fejn il-Qorti cahdet it-talba li dan ma xtaqx jixhed kontra persuna li tigi minnu! Illi ghalhekk dak kollu li qal kellu jigi mittiehed in konsiderazzjoni tar-riluttanza illi huwa wera sa mill-bidu nett fejn anke fis-seduti tat- 3 ta' Dicembru 2019 wehel ammenda ta' hamsa u hamsin Ewro (€55) u fit-12 ta' Frar 2020 gie ordnat mandat ta' akkumpanjament il-ghaliex naqas milli jidher! Illi meta wiehed

janalizza xhud wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni dak li jghid l-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali rigward il-komportament, il-kondotta u l-karattru tax-xhud.

Illi sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja ntlahaqx, din il- Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-princìpji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodicì Kriminali. Jekk il- Qorti tqis li, applikati dawn il-princìpji, xhud ikun qieghed jixhed is- sewwa, allura tkun tista' toqghod fuq dak li jkun qed jghid jew fuq parti minn dak li jkun qed jghid skont il-kaz̀. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddecìedi jekk, applikati dawn il-princìpji, jemminx xhud f' dak kollu li jkun qed jghid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jghid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud wahdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, baz̀at fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stharriġ dettaljat u b' attenzjoni, b' diliġenza u b' mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiz̀a li jwassal sabiex dak il- livell ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jinghad li ma ntlahaqx u li allura, bhala konsegwenza, l-akkuz̀at ikun irid jiġi dikjarat mhux hati tal- akkuz̀i miġjuba kontrih. Illi l-appellant jissottometti illi tenut kont tar-riluttanza kbira sabiex jixhed l-allegat parte leza l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun iktar kawta meta tigi biex tevalwa u temmen dak li qal l-istess parti leza u konsegwentement issib htija fl-appellant.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk wiehed se jistrieh fuq dak li qal il-parti leza xorta wahda b' dak li qal mghandiex tinstab htija fl-appellant u dan peress illi Emanuel Mangion xehed b' mod car illi l-appellant kellu access ghal garaxx ghaliex propju kien HU STESS li tah tali access tant li anke l-Ewwel Qorti stess ikkumentat illi "ta' gewwa jaqbad u juzah."

*Prosekuzjoni: Issa hadu, qabad u hadu jew kif hadu?*

*Qorti: Bil-permess tieghek hadu?*

*Emanuel Mangion: Hadu mhux bil-permess imma b' kunfidenza*

*Qorti: B' kunfidenza, ma kontx taf imma ta' gewwa jaqbad u juzah*

*Prosekuzjoni: Ic-cwievet ta' dan ir-Ractis fejn kont izzommhom?*

*Emanuel Mangion: Go fih stess*

*Prosekuzjoni: U c-cwievet tal-garaxx?*

*Emanuel Mangion: Hu kellu access ghall-garaxx*

*Prosekuzjoni: Simon stess u min tahomlu dan l-access?*

*Emanuel Mangion: Jiena stess (accenn mizjud)*

Illi tant kien minnu li l-appellant kellu tali access illi Mangion lanqas biss indenja ruhu jinforma lill-Pulizija u jaghmel rapport rigward l-allegat serq ta' din l-istess vettura, ghaldaqstant, wiehed ghalhekk ghandu jgib quddiem ghajnejh li sabiex l-appellant dahal fil-garaxx huwa kellu access jaghmel dan u dan inghata mis-sid stess! Illi allura, bhalma del resto, xehed Emanuel Mangion, l-appellant inghata l-access li jidhol fil-garaxx fejn kien hemm hafna karozzi u bl-ebda mod l-istess Mangion ma qallu biex ma jiehux il-vettura in kwistjoni;

*Prosekuzjoni: Gol-garaxx, apparti dan ir-Ractis x' kont izzomm fih?*

*Emanuel Mangion: Karozzi ohra ux*

*Prosekuzjoni: Taf kemm kellek karozzi?*

*Emanuel Mangion: Le ma nafx*

*Prosekuzjoni: Apparti karozzi kellek xi affarijiet ohra?*

*Emanuel Mangion: Xi karozzi mahbutin kelli*

*Prosekuzjoni: Minbarra karozzi*

*Emanuel Mangion: Karozzi ghandi go fih, karozzi jkolli*

*Prosekuzjoni: Gor-Ractis, tista' tghidilna x' kien fih ir-Ractis?*

*Emanuel Mangion: Le ma nafx, ma nafx x' kien fih*

Illi, di piu` anke in kontro-ezami huwa jammetti lill-appellant kellu access tant liberu li mhux talli jidhol fil-garaxx izda talli wkoll juza l-karozzi u kien ihallilu l-garaxx miftuh! Illi kien ghalhekk li fil-verita` l-appellant waqt l-istqarrija tieghu kien onest li jghid li l-istess Mangion ma kienx jaf illi huwa kien hadlu dik il-karozza propju ghaliex huwa kellu access tant liberu tal-istess garaxx u tal-karozzi tant li Mangion kien ihallilu l-garaxx miftuh:

Dr. Marion Camilleri: Meta inti qed tghid illi Simon juza l-karozzi tieghek b' kunfidenza, x' qed tfisser biha? Li jigifieri int kont tkun taf li qed juza l-karozzi ux hekk?

*Emanuel Mangion: Inkun naf vuol diri imma mhux hazin jew hekk*

*Qorti: Kont taf, ta' gewwa, meta jkollu bzonn juzahom.*

*Dr. Marion Camilleri: Jigifieri qed tghid li meta kellu access ghall-garaxx, b' liema mod kellu access? Kellu c-cwievet?*

*Emanuel Mangion: Kont inhallihulu miftuh*

*Dr. Marion Camilleri: Kont thallihulu miftuh u li kont thalli c-cwievet tal-karozzi gewwa, min kien qallu lil Simon?*

*Emanuel Mangion: Ma nafx imma kien ikun hemm Simon, nahseb jaf ux*

*Dr. Marion Camilleri: Kien ikun hemm*

Illi inoltre ma ngabet l-ebda prova fuq il-fatt illi Emanuel Mangion huwa s-sid tal-vettura in kwistjoni salv verbal datat 19 ta' Frar 2020. Illi jigi rilevat illi ghajr dan

il-verbal il-Prosekuzzjoni senjatament ix-xhud innifsu Emanuel Mangion ma gab l-ebda prova in atti illi l-vettura in kwistjoni tappartjeni lilu b' dana li Mangion sahansitra xehed li ghalkemm xtraha hu, la kienet registrata u lanqas kellha log book! Illi dan huwa ferm importanti stante li hija duttrina pacifika lir-reat tas-serq ma jistax jissusstixxi meta ikun hemm res derelicta jew res nullius! Illi dan il-fatt kellu jigi kkunsidrat mill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex anke f' dan ir-rigward ma ssibx htija fl-appellant.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Camilleri et</u>** (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-13 ta' Mejju 2009) inghad:

> *"Dwar dan il-punt il-Professur Mamo jaghmel din l-osservazzjoni:*
>
> *The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking. .... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. .... The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta. ... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft.*
>
> *' But an article that has no owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft. Thus wrecks which have been abandoned without any intention of salvage or recovery are incapable of being stolen. A sound rule seems to be that laid down by an English Court in ' Rex versus White' to the following effect: ' If there is any ground for supposing that the accused may have believed the articles found to have been abandoned*

*by its owner, the jury must be carefully directed with regard to the matter, since, if the jury find that belief as a fact, the accused is not guilty.'*

Min-naha l-ohra f' edizzjoni aktar ricenti tal-Archbold minn dik li minnha kien qed ikkwota l-Professur Mamo hemm dan li gej: In ' **Williams versus Phillips'** , *dustmen employed by a corporation were convicted by justices of stealing goods from dustbins collected in the course of their duties. It was held that refuse put in a bin was not abandoned; it was the householder' s property until it was taken away, when it became the corporation' s property.'*

Illi l-appellant jirrileva illi stante illi kien Emanuel Mangion stess illi tah access kemm ghall-garaxx kif ukoll ghall-vettura in kwistjoni zgur illi ma jistghux jissusistu l-elementi neccessarji sabiex tinstab htija fl-appellant tas-serq tal-vettura in kwistjoni.

In primis jigi rilevat illi l-elementi kostitutittivi tar-reat tas-serq gew elenkati fis-sentenza fl-ismijiet ' **Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) versus Jean Claude Cassar'** fejn gie kkunsidrat li:

*' Fil- ġurisprudenza taghna, il-Qrati dejjem imxew ma' l-aktar teorija stretta dwar is-serq – dik ta' Carrara li fil-qosor tghid li bizżejjed li wiehed iċaqlaq lapes minn post ghal iehor ġewwa l- istess kamara biex ikun ikkommetta serq.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri' gie kkunsidrat li:*

*' Illi x' inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara*

*i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta' l- Appell Kriminali stabbilit li:

Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l- intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-**Carrara** [op.cit. Vol. I, para. 2035] :-

*"il dolo specifico del furto consiste nell' intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll' uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s' intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

u l-Crivellari jghid :-

*"L' elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll' animo di lucrare.*

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one' s self...."*

u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell' ampio senso della parola."*

u aktar ' l isfel :-

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]*

Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ' **Il- Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit'** fejn gie kkunsidrat li:

*' 5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b' qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il- provenjenza ta' dawn l- elementi hija*

*traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

Illi johrog ghalhekk il-fatt mill-provi akkwiziti f' dan il-process li l-appellant ha l-vettura illi ghalkemm ma kenitx tieghu huwa hadha bil-kunsens ta' min kellu l-pussess fuqha stante illi l-istess Emanuel Mangion tah access kemm ghall-garaxx kif ukoll ghall-vettura in kwistjoni.

Illi zgur u mhux forsi illi ghalhekk anke l-element intenzzjonali fil-kaz odjern huwa nieqes kompletament u f' dan ir-rigward l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tidhol f' dak li jikkostitwixxi r-responsabilita' kriminali. Il-kundizjonijiet generali ghar-responsabilita' kriminali huma ndikati b' mod preciz fil-maxim legali "*actus non facit reum nisi mens sit rea*". Ghalhekk att wahdu ma jistax jigi meqjus bhala att kolpevoli jekk tali att mhux akkompanjat b' mens rea. Fi kliem iehor hemm zewg kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel ma jista' jinghad li hemm responsabilita' kriminali u cioe' dak l-att materjali maghruf bhal l-actus reus u l-element formali u cioe' l-mens rea. L-att materjali huwa dak l-att maghmul minn individwu li jivvjola ddrittijet ta' terz. L-element formali huwa l-mens rea li ghandu jakkompanja dan l-att materjali.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Attard,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Settembru 2000, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell spjegat fil-qosor x' inhu ntiz bl-element formali jew mens rea

Frankament din il-Qorti ma tara jew tirravviza ebda spropositu legali f' din is-sentenza ta' l-ewwel qorti. Jekk bil-kliem "mens rea" wiehed jifhem – kif necessarjament wiehed ghandu jifhem fil-kuntest tad-dritt penali taghna – l-

element formali jew soggettiv tar-reat, l-ewwel qorti kienet semplicement qed tghid l-ovvju, u cioe` li fl-assenza ta' l-element formali ma jkunx hemm responsabbilta penali.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi** (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001), il-Qorti tal-Appell tghallem li *"huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall- konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni"*.

Ghalhekk huwa mehtieg li l-Qorti tqis l-intenzzjoni doluza o meno tal-appellant f' dak li ghamel jew naqas li jaghmel qabel ma l-Qorti tista' tasal sabiex tistabilixxi l-htija o meno, u dan ghaliex hemm cirkostanzi meta ma hemmx intenzjoni kriminuza ghalkemm l-att huwa kiefer u oggettivament hazin. Issa l-mens rea jinkludi zewg attitudni tal-malvivent u cioe' l-malvivent ikun responsabbli ghal dawk l-atti hziena li jaghmel b' mod intenzjonali fejn allura l-intenzjoni tieghu tkun wahda doluza u dik fejn il-malvivent ikun traskurat f' ghemilu u ghalhekk l-intenzjoni tieghu hija wahda a culpa. Huwa biss meta jkun hemm wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jista' jinghad li l-att materjali jkun akkompanjat bil-mens rea rikjesta mil-ligi u li l-element formali u materjali ta' reat jikkoncidu u dan ghaliex jekk m' hemmx dolus u ad dirittura lanqas culpa allura ma hemmx responsabilita kriminuza. L-intenzjoni b' mod generali hija l-iskop jew disinn li bih att jigi affettwat. Jinghad li att huwa ntenzjonat jekk jezisti fil-hsieb qabel ma jsehh.

Holmes fil-ktieb tieghu Common Law a fol. 53 jirrileva li:

> "*intention resolves itself into two major issues - that of foresight and that of wish, desire.*"

Ghalhekk att huwa intenzjonat meta kull parti tieghu jikkorrispondi ghal hsieb precedenti li kien prezenti f' mohh l-agent u li bih gie realizzat latt. B' mod generali jinghad li huwa l-operat maghdud ta' intellett u volja. Huwa car fil-ligi penali li l-kelma ' intenzjoni' hija uzata f' sens usa u fil-fatt Carrara jiddefinixxi l-intenzjoni kriminuza dolus "as the more or less perfect intention of doing an act which is known to be contrary to law".

Mhux necessarju li l-malvivent ikun jaf li qed jikser il-ligi izda minhabba l-principju ignoratia iuris neminam excusat izda li l-malvivent kien jaf li kien qed jaghmel xi haga hazina.

Kif jghid l-awtur **Inliz Kenny** a fol. 39 tal-ktieb tieghu intitolat Criminal Law –

> "*in all ordinary crimes the psychological element which is thus indispensable may be fairly accurately summed up as consisting simply in intending to do what you know to be illegal.*"

Dan l-element jirrikjedi:

> 1. *"the power of violation, i.e. that the offender must be able to help doing what he does;*
>
> 2. *knowledge - that what the offender is doing is wrong;*

*3. foresight of such circumstance".*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu - Manuale di diritto penale - 1975 edition (fol 271) jghid li sabiex imputat jinsab hati ta' reat huwa essenzjali li jkun hemm l-ezistenza tad-dolo, ex admisses jghid:-

*a. "la rapresentazione o cioe' la visione anticipata dell fallo che costituisce il reato (momento conoscitivo o intelletuale);*

*b. la risoluzione seguita da uno sforzo del volere diretto alla realizzazione del fatto rappresentato (momento volitivo)".*

Illi f' dan ir-rigward stante illi kien l-istess parti leza illi tah access kemm ghall-garaxx u kemm ghall-vetturi ta' go fih zgur illi l-appellant ma kellux l-intenzjoni illi jisraq tali vettura izda illi sempliciment juzaha kif kellu kull permess illi jaghmel.

Illi jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma' tali sottomissjoni l-appellant jirrileva illi semmai huwa kellu jigi akkuzat mhux b' serq izda bir-reat ta' ragion fattasi. Illi r-reat ta' ragion fattasi huwa kontemplat taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

*85.Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta' l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur:*

Izda, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni taghha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, taghti l-piena tal-multa.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 337(5) japplikaw f' kull kaz ta' sejbien ta' htija taht is-subartikolu (1) u meta l-ghemil tal-hati jkun irrizulta filli persuna ohra tbati spoll il-qorti ghandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

Illi fil-kawza **Il-Pulizija versus Eileen Said** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju 2002 mill-Imhallef Joseph Galea Debono intqal:

Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "*ragion fattasi*" jew dak li jissejjah "*the exercise of a pretended right*". Illi din l-azzjoni bazata fuq lArtikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn ilkamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu firrigward li:- "*It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (*Ara **Prof. Sir Anthony Mamo -** Notes on Criminal Law" (Parti Specjali) Vol. II).

…

> *"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent*

*li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t-tgawdija taghha.*

Fil-Ligi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imhadna fil-gurisprudenza Maltija jirriflettu l-analizi tal-gurista **Taljan Francesco Carrara** fil-kitba tieghu Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f' pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bhala:

*1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*

*2.o Credenza di far quest' atto in esercizio di un diritto*

*3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*

*4.o Mancanza di titolo piu' grave.*

Fil-fatt kemm f' sentenzi qodma bhal dik moghtija mill-Imhallef W. Harding fil-kaz **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f' sentenzi aktar recenti bhal dik moghtija mill-Imhallef Lawrence Quintano fil-kawza Il-Pulizija vs Anthony Zahra, nhar l-20 ta' Gunju 2014 jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu gew ritenuti li jinkludu:

*a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;*

*b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;*

*c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b' idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;*

*d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f' reat aktar gravi ;*

Illi ghalhekk fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo</u>** nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) inqtal hekk:

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-

(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;

(b) il-kredenza li l-att qed isir b' ezercizzju ta' dritt;

(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' lawtorita' pubblika ; u

(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "**<u>Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia</u>**"[17.2.95] ; "**<u>Il-Pulizija vs. Reno Micallef</u>**"[6.6.95] ; "**<u>Il-Pulizija vs. Mark John Schembri</u>**"[18.9.2002] u ohrajn)

Illi bir-rispett kollhu, jekk wiehed jara c-cirkostanzi tal-kaz wiehed jista' jghid illi semmai l-appellant huwa hati ta' ragion fattasi u dan peress illi ha vettura sabiex juzaha minghajr il-hsieb li jisraqha u dan minhabba l-fatt li l-istess parti leza tah l-awtorizazzjoni sabiex jaghmel hekk. Illi ghalhekk fl-aghar ipotesi l-appellant jirrileva illi l-fatti jwasslu ghar-reat ta' ragion fattasi liema reat izda l-appellant ma giex addebitat bih u li ghalhekk ma jistax jinstab hati tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellant kemm fir-rigward tal-fatt illi ma jezistux l-elementi rikjesti tas-serq jew fic-cirkustanzi kienu jezistu biss l-elementi ghar-ragion fattasi, l-appellant jirrileva illi fl-aghar ipotesi l-fatti jwasslu ghar-reat ta' furto d' uso. L-appellant jaghmel referenza kemm ghal Kodici Penali Taljan u ghall-artikolu 288 tal-Kodici Kriminali rigwardanti serq semplici fejn l-awtur kellu hsieb li jaghmel uzu biss tal-haga, bil-hsieb li jroddha minnufih. Jigi rilevat izda li l-appellant ma giex addebitat b' dan l-artikolu u li ghalhekk ma tistax tinstab hati tieghu.

L-artikolu 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*' Il-hati jehel il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet, meta, fil-kaz ta' serq semplici, l-utli li kellu fi hsiebu, kien dak tal-uzu biss tal-haga, bil-hsieb li jroddha minnufih.'*

Illi jigi rilevat illi l-furto d' uso pero jibqa furto fis-sens li fis-serq il-gwadann mhux necessarjament ikun gwadann pekunjarju il-gwadann maghmul mill-uzu tal-haga huwa bizzejjed. In fatti dak li jissejjah furto d' uzo hu serq, fejn propju l-gwadann hu maghmul jikkonsisti mill-uzu anke temporanju, ta' l-oggett misruq.

Ghalhekk il-fattur determinati biex wiehed jara jekk hemmx reat ta' furto d' uso huwa semplicement jekk kienx hemm serq biex isir uzu temporanju mill-haga misruqa minghajr l- intenzjoni li japproprja ruhu minnha.' Kif jghid l-Professur Mamo fin-Noti tieghu, li dan r-reat ta' furto d' uso ta' xi haga jirrizulta meta jigu ppruvat li:

*"The gain intended by the thief consists merely in the temporary use of the thing stolen without the intention on his part of, appropriating the thing permanently e.g. the maid who takes her mistress' s jewellery to adorn herself on a special occasion intending to restore the same immediately thereafter or the man who takes a car from a car park to go for a drive, intending subsequently to take it back to the same place. "*

**Carrara** fil-Vol IV pg. 2939 - Programma del Corso di Diritto Criminale jghid;

*"...ma e' il-caso di chi abbia sottratto la cosa altrui non con fine di appropriarsela, ma col fine di servirsene ad un suo bisogno e poscia restituirle per determinare il valore del tolto ne furto di uso non si deve stimare la proprieta' della cosa ma arbitrare il prezzo del godimento procuratosi."*

Illi l-appellant jaghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet ' **The Police v. Siddy Sangar**i' fejn gie kkunsidrat li:

*' In its judgment the first court seems to have held that for the contrectatio and/or for the animus lucrandi to subsist for the purpose of theft under our law, it was necessary "that the intention of the thief must be to appropriate himself of an object belonging to another without the intention of returning it to him". The first court then proceeded to make a distinction between theft in terms of Article 261 of the Criminal Code the "so called furto d' uso as contemplated in Section [recte: Article] 288 of the Criminal Code". With all due respect this is a totally incorrect exposition of the law. A thing may be stolen even if the gain to be derived therefrom consists merely in the temporary use of that thing. The offence of theft for the mere use of the thing stolen, contemplated in Article 288 of the Criminal Code, is theft for all*

*intents and purposes of law. That provision merely provides that when the gain – the animus lucrandi – is the mere use of the thing stolen with the intention to restore the thing immediately, and provided that there are no other aggravations (i.e. it is a case of simple theft in terms of Article 284), then the agent is liable to the punishments established for contraventions.'*

Ghalhekk fil-kaz ta' furto d' uso kuntrarjament ghal hsieb fis-serq, li huwa li tapproprja haga ta' haddiehor b' mod permanenti, il-hsieb huwa uzu temporanju ta' haga.

Illi bir-rispett kollhu, jekk wiehed jara c-cirkostanzi tal-kaz wiehed jista' jghid illi semmai jezistu l-estremi tal-furto d' uso liema reat izda l-appellant ma giex addebitat bih u li ghalhekk ma jistax jinstab hati tieghu.

Illi dato non concesso, u dan qieghed jinghad biss ghas-sahha tal-argument, jekk din il-Qorti tahseb li s-serq jirrizulta sodisfacament pruvat, xorta wahda ma jistax jissussisti l-aggravju tal-valur! Dan iktar u iktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni illi kienet il-Qorti stess li kkoncediet li dan ma giex pruvat meta qalet illi:

Ghalkemm ma giex ppruvat il-valur ta' din il-vettura, il-Qorti m' ghandhiex dubbju li din hi ta' izjed minn €232.94. Peress li lanqas ma giet pruvata s-sena ta' manifattura u peress li Mangion jghid li xtraha ghall-parts u ghalhekk ma jistax jigi determinat x' valur kellha, kif ukoll in segwitu tal-principju in dubio pro reo, il-Qorti qed tikkunsidra li l-valur tal-vettura ma jecedix €2,329.37. (Accenn mizjud)

Illi bid-dovut rispett asserzjoni bhal din hija wahda tant perikoluza u zbaljata meta wiehed jikkonsidra illi l-Qorti trid issib il-htija biss fuq il-provi migjuba stante li quod non est in actis non est in mundo! Illi dan huwa principju kardinali anke fl-isfond tal-principju tal-presunzjoni tal-innocenza u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax taghmel tali assunzjonijiet sua sponte meta se mai kellha tkun il-prosekuzzjoni li ggib tali prova rigwardanti l-valur.

Illi ai rigward it-tmien imputazzjoni u cioe is-serq illi sar allegatament minn gewwa Birkirkara ta' magna li taqta' l-bricks taz-zewg lupi, l-Ewwel Qorti ghamlet referenza bil-bosta ghall-evidenza cirkostanzjali li strahet fuqha sabiex issib il-htija fl-appellant u dana stante li naturalment ma ttella' l-ebda xhud li ra jew gharaf lill-istess appellant! L-uniku xhud li ttella' sabiex jissostanzzja din l-imputazzjoni kien il-parte civile Cedric Zammit innifsu li ghajr informazzjoni rigward ir-res furtiva li kienet maghmula minnu u kif ukoll dwar x' qallu l-persuna li ried jibqa' anonima, certu Saviour, rigward l-appellant ma xehedx!

Illi stante li dan kien qieghed jixhed rigward x' qallu haddiehor fuq l-appellant, dan kollu kellu jigi kkunsidrat bhala detto del detto u ma kellux jittiehed in konsiderazzjoni! Ghaldaqstant il-fatt illi l-Ewwel Qorti ikkunsidrat bhala l-prova il-fatt illi kien hemm "Toyota Ractis li hi preciza bhal dik misjuqa mill-imputat kif gie indikat mill-informant li sahaq li Borg kien imur fuq il-lant tax-xoghol b' vettura identika" kienet konsiderazzjoni li fl-umli fehma tal-appellant ma kelliex issir stante li din kienet kompletament bbazata fuq detto del detto li allura kellha tigi awtomatikament skartata u mhux uzata bhala prova sabiex issib il-htija fil-konfront tal-appellant.

Illi jinghad ukoll li anke l-parte civile stess fix-xhieda tieghu jaghmel referenza ghal iktar minn persuna wahda meta huwa dejjem jitkellem fil-plural. Hija

verament haga tal-ghageb illi l-informazzjoni li rcieva kienet dejjem rigwardanti persuna wahda, l-istess informant li Zammit jaghmilha cara li kien ukoll qallu li xtaq jiba' anonimu u li jibza' minnu izda li xorta wahda meta raha lill-appellant ghaddej hares biex iselimlu!

Illi di piu` huwa minnu li Borg fl-istqarrija jghid li kien hu biss li saq il-vettura Toyota Ractis però lanqas ma jfisser li kien hu biss li kien qed juza' vettura simili f' Malta kollha dak iz-zmien! Ghaldaqstant din ukoll hija konsiderazzjoni li l-Ewwel Qorti ma setghetx tistrieh fuqha.

Illi jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni qed tibbaza ruhha biss fuq provi cirkostanzjali stante n-nuqqas ta' provi diretti f' dan ir-rigward. Illi jigi rilevat illi l-Qrati Maltin b' diversi sentenzi sahqu illi sabiex Qorti issib htija fl-imputat fuq provi indizzjarji, kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputat.

Fi kliem **Sir Rupert Cross:**

> *Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

*These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw.*

*For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods.*

*In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut thepresumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: Watson [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in Miell [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused. InC[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to Watson, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial". In Clift [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in R. v. O' Leary [2013] EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para.19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".*

*In Zawadzka [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted in a murder trial, the*

*Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she had not committed the offence then the jury should ' dismiss it from their minds' .*

*Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ 10-11 and 10-12, ante, such that it merely imposes an evidential burden. Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:*

*"... the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."*

*It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution provided that evidence that is not merely "fanciful or speculative" has been adduced to raise the issue: Ciccarelli[2011] EWCA Crim. 266.*

Huwa minnu li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita' . Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputati u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm

huwa veru li fil- kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill- provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b' aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Andrea Zammit** moghtija nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:

> *Issa hemm imbaghad ir-raba' tip ta' prova li diga` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-circumstantial evidence. […] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jigifieri serje ta' cirkostanzi jistghu jwassluk ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss allura dik hija bizzejjed biex tistrieh fuqha, anke fuqha biss biex issib il-htija. Pero` jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx ghal konkluzjoni wahda biss imma tista' taghti lok ghal diversi konkluzjonijiet, jew ghall-inqas tnejn, allura ma tistghux tistriehu fuqha biss biex issibu l-htija. Dik hija r-regola principali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tigi minn hafna affarijiet.*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg et** moghtija nhar l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Appelli Kriminali tenniet illi:

> *Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.*

Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilita' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali

reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f' dak l-imputat stante' illi il-provi cirkostanzjali iridu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet Il-Pulizija v. Michael Ellul Vincenti moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni.

Dan gie ritenut ukoll fil-kawza bl-ismijiet **The Republic of Malta v. Eduardo Navas Rios** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):

> *It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive.*

Illi kif kwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza **<u>Il-Pulizija v. Kyle Stone</u>** nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

**Circumstantial evidence** – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 *"& works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."*

Illi f' dan l-istadju wkoll issir referenza ghall-kawza bl-ismijiet ir-**<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghallkonkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Inoltre fil-kawza bl-ismijiet **<u>Pulizija v Paul Grech</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

> *"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f' mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat."*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-hmistax (15) ta' Mejju tassena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b' konvinciment morali trankwill ghall-ahhar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni lapppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira talunivocita` u qal is-segwenti:

> *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi l-esponent jirrileva illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b' sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput

illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f' certi kazijiet, jista' jkun hemm htija. Illi l-gudikant ghandu jkollu izda s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi ghalhekk tenut kont tal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata jigi rilevat illi kwazi m' hemm l-ebda prova illi torbot lill-appellant mas-serqa tal-magna ghad-dannu ta' Cedric Zammit.

Illi fl-ewwel lok l-istills mehuda minn cctv footage li strahet fuqhom il-Qorti huma gejjin minn l-istess filmat li xehed fuqhom PS 609 nhar il – 11 ta' Jannar 2018 fejn jghid li dawn il-cameras "ma kienux cari bizzejjed biex tghid min huma jew." Illi jigi rilevat illi lanqas l-istills infushom mhuma cari u ma jaghtu l-ebda rapprezentazzjoni cara ta' dak raffigurat fuqhom.

Illi inoltre jigi rilevat illi r-res furtiva ma nstabitx fil-pussess tal-appellant!

Illi l-fatt biss illi fl-istess stills tidher il-magna tal-parte leza mghobbija fuq wara tal-vettura ma jfisser xejn u mhix prova fiha nnifisha illi l-istess magna giet misruqa jew imqar mghobbija mill-appellant. Illi mhemm l-ebda fattur iehor illi jorbot lill-appellant max-xena tar-reat u mal-fatt illi l-magna giet mghobbija u konsegwentement misruqa minnu.

Illi ai rigward l-aggravju tal-valur huwa minnu li Zammit xehed li din il-magna kienet tiswa elfejn u seba' mitt ewro pero lanqas ma jispjega kif u x' wassal ghal dan il-valur. Illi jingieb a konjizzjoni tal-Qorti illi l-fatt illi huwa spjega li din kienet magna li kienet maghmula kwazi kollha minnu bl-idejn , lanqas ma jintitolah

ifajjar ammont tond tond ta' kemm din kienet tiswa' u lanqas ma tqabbad espert sabiex jaghmel valutazzjoni indipendenti tal-istess magna.

Illi ai rigward l-aggravju tal- hin dan ukoll ma jirrizultax stante lill-Qorti qaghdet biss fuq dak li qal ix-xhud li konsegwentement kien qieghed jixhed fuq dak li huwa ra fuq CCTV footage. Illi lil' hinn mill-fatt illi din mhux l-ahjar prova stante lill-filmati lanqas biss gew esebiti in atti, jibqa l-fatt illi l-hin li jigi muri fuq filmat tac-CCTV mhux necessarjament ikun l-istess hin reali u dana minhabba certu funzjonijiet ta' kif tahdem it-teknologija fejn m' hemm l-ebda konferma illi l-hin misjub fil-filmat jikkombacja mal-hin reali u ghalhekk anke l-aggravju tal-hin mghandiex tinstab htija fuqu.

Illi ai rigward id-disa' imputazzjoni u cioe is-serqa li sehhet gewwa Hal- Qormi ghad-detriment ta' Carlo-Antonio Vassallo, jigi spjegat li bla tlaqliq dan ix-xhud fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2018 jindika car u tond illi ma jafx min kien il-persuna li allegatament wettaq din is-serqa u apparti l-fatt illi l-lavrant, Advic Dzemel, lanqas biss ftakar id-data tal-incident. Illi in oltre, jerga' jigi ccarat illi hawnhekk ukoll ir-res furtiva ma nstabitx ghand l-appellant.

Illi l-Qorti strahet fuq provi cirkostanzzjali li wasluha sabiex ssib il-htija fl-appellant. Illi l-Qorti regghet strahet fuq l-asserzzjoni illi ghamel l-appellant meta qal illi l-vettura kien jaghmel uzu taghha huwa biss waqt l-istqarrija u zewgitha mal-fatt illi mill-footage tidher vettura simili li giet pparkjata vicin is-sit li kienet qed issir kostruzzjoni fiha. Illi ai rigward il-provi cirkostanzjali l-ohrajn, dawn intuzaw mill-Ewwel Qorti bhala provi tal-aggravji. Hawnhekk l-appellant umilment jissottometti illi lanqas provi bizzejjed li juru li saret is-serqa ma kien hemm u ghaldaqstant sabiex issib il-htija fih ta' dan l-akkadut ahseb u ara kemm jistghu jirrizultaw l-aggravji! Illi jigi rilevat illi l-unika prova illi allegatament

torbot lill-appellant ma' din l-allegata serqa datata 3 ta' Novembru tas-sena 2017 ghad-detriment ta' Carlo-Antonio Vassallo hija dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu u cioe' illi huwa biss kien juza din il-vettura tal-ghamla Toyota. Illi dan il-fatt wahdu mhux bizzejjed biex jorbot lill-appellant mas-serqa in kwisjtoni u mal-fatt illi kien hu illi seraq dawn l-ghodod. Illi kif wiehed jista' jkun cert illi kien l-appellant fuq ix-xena tar-reat, jekk kienx wahdu, jekk kienux persuni ohra illi marru jisgassaw il-bibien ecc.? Illi jistghu jsiru biss assunzjonijiet u kongetturi izda liema assunzjonijiet u kongetturi mhumiex posthom fil-kamp kriminali u qatt mghandhom iwasslu sabiex Qorti ssib htija.

Illi lanqas ma jista' jirrizulta l-aggravju tal-valur meta ix-xhud jispjega kollox bejn wiehed u iehor meta huwa jghid li ghall-ghodod "dejjem ghandek" tant ammont. Illi ukoll, l-invoices li gew esebiti lanqas biss kienu tar-res furtiva stante li x-xhud ddepona:

Jien gibt xi invoices li jistghu jghinu ghal, simili tal-ghodda

...

*Xhud: Issa din l-ghodda kienet tintuza 3 snin, sentejn. l-invoices il-propja m' ghandiex, imma dawn huma back to back bazikament*

*Qorti: Ghax l-ohrajn m' ghadhomx jezistu nghid sew ?*

*Xhud: Ezatt, ezatt*

Illi ai rigward l-ghaxar imputazzjoni u cioe dik li tirrelata mal-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali jigi rilevat illi anke minn din l-appellant ghandu jigi liberat stante illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tikkunsidra illi l-appellant kien ilu sew jahdem f' siti ta' kostruzzjoni u li ghalhekk huwa normali li kellu ghodod li kienu relatati ma' snajja' u xoghol tal-idejn.

Illi dan gie skartat kompletament mill-Ewwel Qorti meta fis-sentenza taghha hija tghid:

Jigi mfakkar li fl-istqarrija tieghu, Borg, jikkonferma li l-ghodda misjuba huma tieghu izda naqas milli jaghti spjegazzjoni ghal dawn l-ghodod.

Illi wiehed jista' jghid illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bhallikieku ghamlet ezercizzju fejn meta trid temmen il-verzjoni rilaxxata mill-appellant a tempo vergine [fir-rigward illi kien hu biss illi juza' l-vettura in kwistjoni] u meta trid ma temminx il-verzjoni moghtija mill-appellant fl-istqarrija rilaxxata minnu a tempo vergine [fir-rigward tal-ghodod misjuba fil-karozza tieghu]. A contrario, l-Ewwel Qorti sahqet biss illi r-risposti li taha kienu kollha inveritiera u dana wara li tishaq hija stess li ma kienx hemm bzonn ta' "sforz t' imaginazzjoni." Illi jekk wiehed jahdem fil-kostruzzjoni m' ghandek bzonn l-ebda "sforz t' imaginazzjoni" sabiex wiehed jikkonkludi illi persuni hekk ikollhom diversi ghodod bzonnjuzi fil-pussess taghhom illi jintuzaw minnhom kwotidjanament.

Illi ghalhekk in vista ta' dan kollu, l-appellant umilment jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha meta din qieset li temmen b' mod selettiv tali x-xhieda!!

Illi f' kazijiet bhal dawn fejn allura l-ebda mix-xhieda pajzana li ngiebu mill-Prosekuzzjoni ma kienu kreddibli, l-appellant jissottometti umilment li huwa ferm perikoluz illi l-Qrati taghna jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju u ghalhekk ghandu jigi liberat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ghalhekk, meta jigi meqjus dan kollu jirrizulta lix-xhieda li qaghdet fuqhom l-ewwel Qorti sabiex issib il-htija fl-imputat MA KIENU KREDIBBLI XEJN u dan ghaliex huma bil-bosta l-inkonsistenzi u l-inverosimilitajiet li jezistu fid-depozizzjonijiet taghhom. Konsegwentement ma tantx jista' jinghad lill-imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi umilment jigi sottomess ghalhekk illi l-verdett milhuq mill-Ewwel Qorti ma huwiex safe and satisfactory to be confirmed on appeal. Ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssegwi l-massima in dubio pro reo u ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet hekk kif dedotta fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant ghalkemm il-gurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan ghandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wiehed zbaljat, sabiex titwettaq gustizzja. Infatti, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Buhagiar** deciza fl-ghaxra (10) ta' April tal-elfejn u tmienja (2008) il-Qorti ezercenti s-setgha ta' Appell Inferjuri spjegat:

Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din ilQorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w lgudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara

jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tarrizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**" [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn )

Kif ukoll l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Agius** moghtija nhar it- tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) rriteniet:

> *' Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Illi b' referenza ghall-imputazzjonijiet tnax sa tlettax, l-appellant jirrileva illi huwa wkoll ghandu jigi liberat minnhom stante illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati presedjuta mill-Onor. Mag. J. Demicoli ta' nhar id-19 ta' Jannar 2015 ma hemm xejn x' juri bhala prova li din is-sentenza kienet wahda li ma gietx appellata u ghaldaqstant ghaddiet in gudikat iktar u iktar in vista tal-fatt illi r-Registratur ma telghetx tikkonferma dan il-fatt bil-gurament. Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi din is-sentenza stante illi hija sentenza tal-Ewwel Qorti ma kienx

hemm appell fuqha u ghalhekk jekk hijiex res judicata liema provi kienet tispetta lill-Prosekuzzjoni.

Illi kif qalet ben tajjeb din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs. Paul Spagnol** datata 2 ta' Lulju 2020:

> B' zieda ma dawn ir-rekwiziti, fil-kaz ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tal-Qorti Kriminali kellu jitla l-Ufficjal Prosekutur jew ir-Registratur tal-Qorti jikkonferma bil-gurament li dik is-sentenza hija res judicata u cioe' li ma kienx hemm appell minnha. Il-fedina penali mhijiex prova bizzejjed ai fini tal-addebitu recidiva. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija (Spettur SARAH MAGRI) Vs Khalid Tonna'

Illi l-Qorti hawnhekk trid taghmel distinzjoni bejn (i) il-htiega li l-kopja tas-sentenza tigi debitament awtentikata kif trid il-ligi (i.e. skond Art. 49(2)), xi haga li tista ssir anke b' gurament ta' xhud, u (ii) il-htiega li jigi kkonfermat bil-gurament illi dik is-sentenza hija res judicata. Il-kopji tas-sentenzi esebiti fil-process a fol 25-27 u a fol 38-41 jidhru li gew debitament awtentikati kif trid il-ligi galadarba gew certifikati mid-Deputat Registratur (li allura jaqa' taht l-awtorita' responsabbli ghall-gustizzja msemmija fl-Art.49(2)(b)) ghalkemm mhux l-istess jista' jinghad ghall-kopja tas-sentenza esebita a fol 32-33 stante illi hawnhekk kull ma' jidher huwa firma minghajr l-ebda indikazzjoni ta' min hi dik l-istess firma. Madanakollu l-ebda wahda minn dawn is-sentenzi ma' gew kkonfermati bil-gurament li huma res judicata mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u l-Qorti f' dan ir-rigward ma' taqbilx mal-argument tal-Prosekuzzjoni illi dan jista' jigi dedott mill-Qorti billi tifli l-fedina penali tal-imputat ghaliex din certament m' hijiex l-aqwa prova li tista' tingieb.

Illi inoltre biex jiskatta dak li hemm mahsub fl-Art. 50 tal-Kap. 9 u cioe' zieda fakoltattiva fil- piena bi grad, jehtieg li jigi ppruvat li l-akkuzat ikun ghamel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li jkun skonta jew tkun giet mahfura l-piena ghad-delitt li jkun gie kundannat ghalih precedentement fejn iz-zmien tal-piena li jkun gie kundannat ghaliha fl- ewwel kaz tkun izjed minn hames snin prigunerija, jew fi zmien hames snin fil-kazijiet l-ohra kollha.

Illi fis-sentenza datata 26 ta' Lulju 2017 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, il-Qorti kienet immultat lill-imputat ihallas is-somma komplessiva ta' erba' mitt euro fi zmien sitt xhur. Sabiex din is-sentenza tkun tista' tintuza ai fini tal-prova tar-recidiva' (taht l-Art. 50 tal- Kap. 9) kien jehtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova illi din giet skontata permezz tal-hlas tal- multa. Madanakollu mill-provi ma' jidhirx illi dan sar u ghalhekk anke ghal din ir-raguni il- Qorti sejra tiskarta din is-sentenza.

Illi min-naha l-ohra fis-sentenza datati 16 ta' Ottubru 2018 (per Onor Magistrat Dr. Francesco Depasquale), il-Qorti kienet ordnat il-hrug ta' Probation Order u galadarba Ordni bhal din ma' tikkostitwixxi l-ebda kundanna, ma' tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini tal-addebitu tar- recidiva.'

Illi fuq dan ir-rigward issir referenza ukoll ghall-fatt illi x-xhieda tal-Ispettur Kylie Borg nhar il- 5 ta' Novembru 2018, fejn hija pprezentat vera kopja tas-sentenza moghtija mil-llum Imhallef Dott. A. Vella ma kinitx taghmel referenza ghall-istess appellant. Illi ghaldaqstant filwaqt illi ma hemmx kontestazzjoni illi s-sentenza prezentata kienet kontra l-appellant odjern, ix-xhieda tal-Ispettur kienet tirreferi ghal persuna ohra b' karta tal-identita` numru 202085(M);

## 2. Piena Erogata

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva, u cioe' dik ta' prigunerija ta' sitt snin u nofs.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b' hekk timmerita temperament. Fil-fatt l-appellant isostni illi l-piena karcerarja nflitta fuqu, tenut kont it-tipologija u s-severita' tar-reat, kienet wisq harxa.

**Kenny** fil-ktieb tieghu ' Outlines of Criminal Law' jghallem li:

> *"As regards the offence, account must be taken:*
>
> *(1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class;*
>
> *(2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected;*
>
> *(3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed;*

*(4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…*

*As regards the offender himself, account must be taken:*

*(1) of his age, health and sex;*

*(2) of his rank, education, career and disposition;*

*(3) of his motive;*

*(4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted;*

*(5) of his susceptibility to punishment…"*

Illi, bir-rispett dovut jigi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li hadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wiehed esagerat u dan meta wiehed iqis illi llum il-gurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

Illi kkonsidrat dan kollu, l-appellant umilment jissottometti li piena karcerarja hija wahda esagerata u eccessiva ghal-ahhar! Ghaldaqstant l-appellant jitlob umilment li f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell taghzel li tikkonferma l-htija, tirriforma l-piena b' dana li din tkun wahda iktar mita u idoneja.

Illi l-appellant umilment ihoss illi hafna mix-xhieda li xehdu in Difesa ai rigward il-progress illi huwa qieghed jaghmel gew skartati kompletament. Hekk per ezempju x-xhieda tal-Probation Officer Maria Mifsud li xehdet fil-31 ta' Awwissu 2020 li qalet:

Simon minn naha tieghu juza hafna s-sapport, jigifieri dan in between sessions kien qed ikun hemm anke diversi telefonati minn naha tieghu, anke meta jinqalghulu sitwazzjonijiet specjalment emozzjonali, meta jkun qed ihossu depressed u meta ma jkunx qieghed tajjeb. Biex nitkellmuhom, jigifieri anke fuq it-telephone konna qed indumu nghidu kwarti, kienu qed ikunu long conversations.

Illi hija xehdet ukoll li l-istess appellant ghandu spirtu altruwistiku ferm b' dana li jgib il-familja tieghu l-ewwel:

Jipprova jara kif ha jissapportja b' mod emozzjonali lill-familja tieghu, lil hutu kif ukoll lin-neputijiet u dik hija fattur li xorta ghad hemm isir xoghol fuqha biex hu jara kif jiehu hsieb tieghu nnifsu. Imma nhoss li mexjin u l-fatt li qed jahdem xorta baqa` jzomm kuntatt regolari mieghi, dawn huma fatturi posittivi.

Illi mix-xhieda tal-istess Probation Officer fil-11 ta' Settembru 2019 johrog car illi anke jekk il-Qorti sabet il-htija, hija naqset li tikkosnidra kompletament il-fatt ili f' dak iz-zmien huwa kien aflitt minn problema akuta tad-droga:

*Qorti: Meta kienet din is-sena? Jiena fl-2017 nixtieq inkun naf. Kif kien?*

*Xhud: Fl-2017 ma kienx qieghed tajjeb.*

*Qorti: Ma kienx qieghed tajjeb.*

*Xhud: No.*

*Qorti: Lejn ix-xahar ta' Novembru partikolarment.*

Illi b' mod pozittiv tixhed ukoll il-psikologa Tracey Attard li tghid:

*Li nista nghid li dejjem wera nteress, dejjem attenda ghas sessions u mill-ewwel gurnata wera l-interess li jibdel hajtu u jmur programm. U dik baqghet konsistenti. U rajt progress, jigifieri meta bdejna nahdmu rajt progress fih, speci qisu bbidiljaw awareness u insight fl-issues tieghu*

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Illi f' dan is-sens l-Ewwel Onorabbli Qorti kompletament skartat il-fatt illi l-appellant lest li anke jkompli jtejjeb ruhu b' dana lix-xhieda ta' Juan Vella mis-Sedqa hija cara ferm f' dan ir-rigward:*

*Issa kif qed nghid xewqa wera hu, meta ncemplu ghax issa bi Skype jew incemplu, juri certu commitment, nitkellmu, naraw kif inhu sejjer. Meta staqsejtu biex jiddiskuti ghal psychologist u hekk, fhimt, jigifieri minn dak l-aspett hemm biex nahdmu.*

Illi deher ukoll illi llum il-gurnata l-attitudni tieghu hija wahda li marret ferm ghall-ahjar b' dana li anke kif xehed Brian Bellotti fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2020 kien gie innutat ukoll progress qawwi fl-imgieba tal-appellant.

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament u l-età tal-appellant, din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo:**

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-

vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' ; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir

rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat in funditus meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-

subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x' ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).

Huwa minnu li, kif jispjega l-**Professur David Thomas** fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing "[*the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).

9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt

fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta' lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **<u>R v. Sargeant</u>** :

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Fis-sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>' Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'</u>** gie kkunsidrat li:

> *' 6. Peress li dan huwa appell limitat biss ghall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistharreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setghetx legalment u raġonevolment tasal ghas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-*

*Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-principju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t' Awissu 2005* :

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone' s Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase ' wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal' s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ' This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: ' ...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase ' wrong in principle' . In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ' wrong in principle' ) words to the effect that the sentence was ' excessive' or ' manifestly excessive' . This does not, however, cast any doubt on Channell J' s dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an*

*appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x' piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk però l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d-dmir li dak l- iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb,</u>*** *deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena*

*mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il- piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a)Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jaghmel tajjeb ghall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' taghha.

L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f' mohh is-soċjeta, b' mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mġeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t' eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-aspett preventiv ghalhekk huwa dupliċi : wiehed ta' natura ġenerali u l-iehor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-sahha tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minhabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tiġi

applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun lahaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b' mod li darb' oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b' konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b' konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita' . Is- soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill- ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F' dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l- għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittattiv u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b' mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem

biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jghix diċenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawża b' eghmilu. F' dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikaċja repressiva.'

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979), ta' **David Thomas,** fejn intqal illi:

*"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre' , qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]

Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini talFacilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].

Ghalhekk il-piena erogata fil-konfront tal-appellant kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat,

Illi nhar is-17 ta' Gunju, 2021 id-difiza talbet li tressaq provi in sostern ta' l-Artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta u dan sabiex il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga

Id-difza stqarret ukoll li taqbel li l-imputazzjonijiet kif moghtija fil-konfront tal-appellant *ut sic* jeccedu s-seba snin pero cio nonnostante is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija inqas minn prigunerija ta' 7 snin u l-piena in kwisjtoni ma tistax tizdied stante li l-appel huwa tal-istess appellant.

Dr Bonnett ghall-Avukat generali oggezzjonat ghal tali talba tal appellanti minhabba li l-akkuzi li taghhom instab hati quddiemn l-ewwel Qorti jinkludu akkuzi li sepratement igorru piena ta' aktar minn seba' snin u l-kapitolu 537 huwa car kif miktub il-kliem u cioe li l-kapitolu 537 ma japplikax jekk pesuna tkun akkuzata bit-twettiq ta' reat li ghalih hemm piena ta' aktar minn seba' (7) snin u mhux il-piena li attwalment ikun inghata minn l-ewwel Qorti.

Id-Difiza tirrileva li fl-istess Artikolu l-ligi qed tiddeskrimina bejn reati kontra l-ligijiet ta' droga illi huma punibbli b'iktar minn seba' snin prigunerija li huma reati ta' traffikar u pusess aggravat li jigu gudikati mill-Qorit tal-Magistrati u reati ohra li mhumiex il-ligijiet ta' droga.

Ikkunisdrat

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537 tal-ligijeit ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti lijipprovdi s-segwenti:-

> 8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena*

*ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista jghamel talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:

1. Ir-reat li jkun **akkuzat bih** ( ghad-differenza mill-kelma ikkundannat) ma jistax ikollu piena li teccedi seba' (7) snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe
2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija, ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga

Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adadebtati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija.

Illi fil-kaz in esami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti tmur hafna oltre is-sebgha snin prigunerija kif del resto ivverbalizza l-istess avuakt difnesur minkejja li l-ewwwel Qorti ikundannatu ghal sentejn prigunerija dwar l-akkuzi li sabitu hati taghhom oltre li ordnat li sentenzi sospizi jigu rezi operattivi.

**Il-Ligi ma titkellimx li l-akkuzat ma jistax jinsab hati ta' piena oltre s-sebgha snin prigunerija izda li r-reati li bihom gie akkzuat m' ghandhomx jeccedu is-sebgha snin prigunerija bhala piena li tista tinghata.**
Din `il-Qorti gja kient ippronunzjat ruhha f'dan ir-rigward fid-digrieti taghha fl-ismijiet **il-Pulizija Stephen Borg**[2]**, il-pulizija vs Reuben Galea** [3] kif ukoll din il-Qorti diversament preseduta ippronunzjat ruhha f'dan l-istess rigward fid-digriet **il-pulizija vss Massimo Caruso**[4] **u ghalhekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz din il-Qorti hija privva mill-ligi tikkonverti ruhha f Qorti ta' Droga**

Fid-dawl ta' dak li intqal sopra l-Qorti m'ghandiex ghalfejn tisma iktar xhieda b'referenza ghal din it-talba stante li l-mertu tieghu huwa ezawrit b'dan id-digriet.

Din il-Qorti ma tistax tidhol u tiddiskuti l-kwisjtoni solelvata mid-difiza jekk in effetti l-ligi tiddiskrimina bejn ir-reati kontra l-ligijiet ta' droga li huma punibbli b'iktar minn seba' (7) snin prigunerija li huwa r-reati ta' traffikar u pusess aggravat li jigu gudikati mill-Qorti tal-Magsitrati u reati ohra illi mhumiex il-ligijiet ta' droga stante li tali kwistjoni taqa' fil-parametri ta' Qorti Kostituzzjonali u mhux ta' Qorti ta' Appeli Kriminali.

---

[2] Deciza 11 ta' lulju 2018
[3] Deciza fil-21 ta' Frar 2021
[4] Deciza fl-24 ta' PAril 2020

**Din il-Qorti ghalhekk hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga, stante li l-piena applikabbli teccedi is-sebgha snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti maghmula fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2021 u tordna kontinwazzjoni ta' dan l-appell.**

**Qeda ukoll tordna notifika ta' dan id-digriet lil Onorevoli Ministu tal-Gustizzja, Ugwaljanza u Governanza u dan sabiex jara jekk hemmx bzonn xi intervent legislattiv biex jindirizza l-anomalija sollevata mid-difiza**

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef